**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

**MAĠISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Kumpilazzjoni Numru: 550/2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Eman Hayman)**

**vs**

**Manuel Cachia**

**Illum 4 ta' Ottubru, 2023**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra:

Manuel Cachia ta' 40 sena, iben John u Mary nee' Demicoli li twieled ġewwa Pieta' nhar id-9 ta' Diċembru 1980, iddikjarat li jirrisjedi ġewwa l-indirizz 118, Alley 5, Triq il-Biċċieni, Żabbar u detentur tal-karta ta' l-ideneita' 8081M;

Akkużat talli nhar it-30/08/2021 u fil-ġranet u jew ġimgħat u, jew ix-xhur ta' qabel ġewwa Żabbar u diversi postijiet ġewwa dawn il-gżejjer;

1. Użа vjolenza, inkluż vjolenza morali u, jew psikoloġika, u, jew sfurzar, sabiex iġiegħel jagħmlu, iħalli ssir, jew jonqos milli jagħmel, xi ħaġa, jew sabiex i i naqqas l-abilitajiet jew iżola jew illimita l-aċċess għall-flus,

edukazzjoni jew impjieg għad-detriment ta' ommu Maria Cachia u oħtu Joanna Cachia u dana fil-preżenza ta' minuri u cioe' in-neputijiet tiegħu Dejan, Jake u Kayley, waqt li kien qed jgħix magħhom, tali delitt relatati twettqu ripetutament u bil-vjolenza qabel u, jew waqt it-twettieq ta' dan id-delitt;

Wkoll talli fl-istess dati, ħinijiet, lokalitajiet u ċirkostanzi;

2. Insulenta hedded jew iġurja bi kliem jew b'mod ieħor lil ommu Maria Cachia u oħtu Joanna Cachia;

3. Għamel iġurji jew thedded mhux imsemmija band'oħra fil-kodiċi kriminali lil ommu Maria Cachia u oħtu Joanna Cachia jew, jekk kien ipprovokat inġurja b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni;

4. Mingħajr ma darab jew sawwat, hedded lil ommu Maria Cachia u oħtu Joanna Cachia b'ġebel jew oġġett ieħor iebes jew waddab jew qabad xi arma sabiex iħebb għalihom;

5. Volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet b'xi mod mhux imsemmija band'oħra fil-kodiċi kriminali;

U talli;

6. Kiser il-kundizzjonijeit tal-liberta' provviżorja imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), preseduta mill-Maġistrat Dr Audrey Demicoli f'dan li bih ingħata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kundizzjonijiet fosthom li ma jikkomettix reat ieħor;

Il-Qorti hija mitluba li tirrevoka l-ħelsien mill-arrest ta' l-imsemmi Manuel Cachia u tordna l-arrest mill-ġdid ta' l-imsemmija imputata u, jew tordna li s-sommom marbuta jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta.

Il-Qorti hija ġentilment mitluba li toħroġ ordni ta' protezzjoni, inkluż fil-mori tal-kawża kontra Manuel Cachia a benefiċċju ta' ommu Maria Cachia u oħtu Joanna Cachia u l-familjari tagħhom u dan fit-termini ta' l-Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija ġentilment mitluba li jekk jidrilha xieraq tordna ordni ta' trattament kond l-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba wkoll f'każ ta' ħtija, sabiex tipprovdi għall-persuni ta' ommu Maria Cachia u oħtu Joanna Cachia jew sabiex tinżamm il-bon ordni

pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, torbot lil Manuel Cachia billi tapplika l-Artikoli 382A et seq tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal-żmien li tħoss xieraq u jew torbot lil Manuel Cachia b'obbligazzjoni tiegħu innifsu taħt penali ta' somma ta' flus li tiġi iffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et seq al-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal żmien li tħoss xieraq.

Il-Qorti hija ġentilment mitluba biex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat/i għall-ħlas ta' spejjeż jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti eżebiti u semgħet ix-xhieda.

Rat l-artikoli ta' l-Avukat Ġenerali datati 8 ta' Mejju tas-sena 2023 meta l-Avukat Ġenerali iddikjara li jidhirlu illi mill-kompilazzoni tista' tinstab ħtija (jew ħtijiet) taħt dak li hemm maħsub:-

1. Fl-artikoli 251, 251H(a)(d), 251HA u 202(h) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Fl-artikoli 579 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
3. Fl-artikoli 338(dd), 339(b) u 339(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
4. Fl-artikoli 382A, 383, 384, 385, 386, 412C u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
5. Fl-artikoli 17, 18, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li l-artikolu inqraw fis-seduta datata 4 ta' Ottubru 2023 u l-imputat iddikjara li m'għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat b'mod sommarju.

Semgħet l-ammissjoni ċara u inekwivoka ta' l-imputat għall-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tiegħu kif reġistrata fis-seduta tal-lum 4 ta' Ottubru 2023.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba tiegħu u tatu żmien xieraq biex jekk irid, jista' jerġa' lura minnha u fil-fatt huwa reġa' tenna l-istess ammissjoni tiegħu.

Semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi mill-provi miġjuba u mill-ammissjoni ta' l-imputat stess, il-Qorti ssib lill-imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet kif miġjuba kontra tiegħu. Illi dwar il-piena

il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi partikolari marbuta mal-każ u tqis li jkun iktar idoneju li l-imputat jingħata sentenza ta' priġunerija effettiva u dan anke in vista tal-karattru refrettarju ta' l-imputat li jirriżulta mill-fedina penali kopjuża tiegħu.

**Decide:**

**Għal dawn ir-raġunijiet u wara li l-Qorti rat l-Artikoli 251, 251HA u 202(h), 579, 338(dd), 339(b), 339(d), 339(e), 382A, 383, 384, 385, 386, 412C, 412D, 17, 18, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u in vista ta' l-ammissjoni ta' l-imputat Manuel Cachia qed issib lill-istess Manuel Cachia ħati ta' l-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tiegħu u tikkundannah għal perjodu ta' disa' (9) xhur priġunerija effettivi li minnhom għandu jitnaqqas il-perjodu li l-imputat ħati għamel bħala arrest preventiv. Tordna wkoll ai termini ta' l-Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tas-somma ta' mitejn Ewro (€200) mid-depożitu impost fid-digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta per Maġistrat Dr Audrey Micallef datat 12 ta' Mejju 2020.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Maġistrat**

**Maria Grech Cardona**
**Deputat Reġistratur**